# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 9/2014 BS**

**Joseph Camilleri**

**-vs-**

**Saviour Camilleri; Antonia Bonello; Frances Bonello; Carmel Camilleri; u l-istess Antonia Bonello illi b'digriet tas-27 ta' Frar, 2014 ġiet nominata Kuratur sabiex tidher għall-assenti Peter Camilleri u Carmela Dalli**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Joseph Camilleri[1] illi ppremetta:**

Jesponi bir-rispett u jikkonferma bil-gurament:

1. Illi l-partijiet huma wlied Maria Paola sive Maria Camilleri;

[1] A fol. 1 tal-process

2. Illi Maria Paola sive Maria Camilleri mietet fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħdax (2011) u ħalliet erba' testmenti, magħmula tnejn fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi fit-tnax (12) ta' Ġunju elf disa' mija tlieta u sebgħin (1973) u fit-tmintax (18) ta' Novembru elf disa' mija u tmenin (1980) rispettivament u tnejn oħra fl-atti tan-nutar Maria Vella Magro fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena eflejn u tmienja (2008) rispettivament;

3. Illi apparti għal dispożizzjonijiet oħra, it-testatrici nnominat lil uliedha (ossija l-kontendenti) bħala l-eredi universali tal-beni kollha tagħha preżenti u futuri;

4. Illi l-attur rikorrenti ma aċċettax il-wirt ta' ommu u jrid is-sehem riżervat skont il-liġi;

5. Illi għalkemm interpellati entro t-terminu ta' sentejn mill-mewt tal-omm sabiex jersqu għal- likwidazzjoni u ħlas lilu tas-sehem riżervat, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

6. Illi ghalhekk l-esponenti kellu jipproċedi b'din il-kawża.

**Talab lil din l-Onorabbli Qorti:**

i. Tistabbilixxi u taċċerta l-konsistenza tal-assi ereditarji tal-mejta Maria Paola sive Maria Camilleri, okkorrendo bil-ħatra ta' Periti Nominandi;

ii. Tiddikjara li r-rikorrenti għandu dritt għas-sehem riżervat mill-eredità tal-imsemmija Maria Paola sive Maria Camilleri;

iii. Tillikwida l-porzjon riżervat spettanti lir-rikorrenti skont il-liġi fuq il-ġid ta' ommu Maria Paola sive Maria Camilleri;

iv. Tillikwida l-imgħax dovut lir-rikorrenti mid-data tal-mewt tal-istess Maria Paola sive Maria Camilleri;

v. Tordna u tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata;

vi. Taħtar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippublika l-att oppurtun ta' ħlas tas-sehem riżervat f'dik id-data, ħin u lok li jiġu iffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi nominandi li jinħatru sabiex jirrapreżentaw l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

vii. Fin-nuqqas u f'każ li jirrizżulta illi l-porzjon riżervat ma tistax titħallas fiżikament tordna l-bejgħ bis-subbasta tal-beni ta' Maria Paola Camilleri sabiex mir-rikavat tkun tista' tithallas is-sehem riżervat ossia legittima lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Novembru 2012 u bl-imgħaxijiet dekorribbli skont il-Liġi.

L-intimati huma minn issa ingunti in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha[2] illi eċċepixxew:**

Illi t-talba attriċi hija prematura u hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana għas-segwenti raġunijiet:

(1) Illi, preliminarjament, l-attur għandu jressaq il-prova illi huwa effettivament irrinunzja għall-wirt ta' ommu Maria Paola Camilleri kif titlob il-liġi;

(2) Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ illi jirriżulta illi l-attur huwa tassew intitolat għas-sehem riżervat, allura wieħed irid ukoll jikkunsidra dak kollu illi l-attur diġà ngħata b'titolu gratwit; inkluż ma' dawn kontrattazzjonijiet bi kwalunkwe titolu ieħor meta fil-verità tali kontrattazzjoni kellha n-natura ta' donazzjoni;

(3) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

[2] A fol. 42 tal-process

Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur illi huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

**Il-Qorti;**

Fliet l-atti.

Rat li permezz ta' nota l-konvenuta Antonia Bonello aċċettat li tidher f'din il-kawża wkoll bħala kuratriċi ta' ħutha msiefrin Peter Camilleri u Carmen Dalli[3] u għalhekk hija ġiet nominata tali b'digriet tas-27 ta' Frar 2014.[4]

Rat in-nota ta' l-attur bl-elenku ta' l-assi għal fini ta' komputazzjoni tas-sehem rizervat. [5]

Rat li fit-28 ta' Ottubru, 2014 l-attur iddikjara l-provi tiegħu magħluqa, għajr għad-dritt li jitlob il-ħatra ta' perit tekniku; [6]

Rat li l-konvenuti għalqu l-provi viva voce tagħhom fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2016. [7]

Rat li fis-seduta tat-13 ta' April, 2016 ġie maħtur il-Perit Valerio Schembri sabiex jagħmel il-valutazzjoji tal-propjeta għall-fini tas-sehem riżervat.[8]

Rat in-nota tal-Perit Valerio Schembri li permezz tagħha informa lil Qorti li l-partjiet awtorizzawħ jgħaddi għar-rapport tiegħu.[9]

Rat ir-rapport tal-Perit Valerio Schembri ppreżentat fil-21 ta' Mejju, 2019.[10]

---

[3] A fol 34 tal-process
[4] A fol 35 tal-process
[5] A fol 45 tal-process
[6] A fol 86 tal-process
[7] A fol 135 tal-process
[8] A fol 136 tal-process
[9] A fol 148 tal-process
[10] A fol 162 tal-process

Rat in-nota ppreżentata mill-konvenuti fit-3 ta' Diċembru, 2021 b'kuntratti annessi.[11]

Rat ukoll ir-rikors u kontestwali nota ta' l-attur tas-6 ta Diċembru, 2021.[12]

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda.

Rat li fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2022 il-partijiet iddikjaraw li l-kawża tista' titħalla għas-sentenza u għaldaqstant il-Qorti ddifferiet il-kawża għal-llum għas-sentenza.[13]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat.**

**i) Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża l-attur jippremetti li omm il-partijiet kollha fil-kawża mietet fil-11 ta' Jannar, 2011. Jgħid li hija għamlet erba' testamenti u nnominat lill-uliedha kollha bħala eredi. Jgħid ukoll li huwa ma aċċettax il-wirt ta' ommu u jrid li jingħata s-sehem rizervat skond il-liġi. Għalhekk qed jitlob lil Qorti sabiex filwaqt li tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi ereditarji ta' ommu Maria Paola sive Maria Camilleri, tiddikjara li huwa għandu dritt għas-sehem riżervat mill-eredità imsemmija. Jitlob ukoll li l-Qorti tillikwida l-porzjon riżervat spettanti lilu kif ukoll tillikwida l-imgħax kollu dovut mid-data tal-mewt tal-istess Maria Paola sive Maria Camilleri u li l-konvenuti jiġu ordnati jħallsuh is-somma hekk likwidata. Jitlob ukoll li jinħatar Nutar Pubbliku Malti sabiex jippubblika l-att oppurtun ta' ħlas tas-sehem riżervat u jekk jirriżulta illi l-porzjon riżervat ma tistax titħallas fiżikament tordna l-bejgħ bis-subbasta tal-beni ta' ommu Maria Paola Camilleri sabiex mir-rikavat tkun tista' tithallas is-sehem riżervat spettanti lilu.

[11] A fol 259 tal-process
[12] A fol 301 tal-process
[13] A fol 312 tal-process.

Il-konvenuti jilqgħu għal dawn it-talbiet billi jgħidu li dawn huma prematuri. Jgħidu wkoll li l-attur irid iġib il-prova li huwa irrinunzja għal wirt ta' ommhom. Jisħqu li jekk jirriżulta li l-attur għandu dritt għas-sehem riżervat allura jrid jittieħed kont ta' dak kollu li huwa diġa ingħata b'donazzjoni inkluż taħt kwalunkwe titolu.

**ii) Provi**

**Xhieda**

**Saviour Camilleri,** konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[14] Jgħid li ħuħ l-attur qiegħed jitlob is-sehem riservat mil-wirt ta' ommhom. Jgħid li f'ħajjithom il-ġenituri tagħhom għamlu sforz sabiex kull wieħed u waħda mill-aħwa jkunu ħadu ndaqs mill-wirt tagħhom partikolarment ommhom li mietet wara missierhom. Jikkonferma li dan kien l-għan aħħari ta' ommhom u dan qaltulu bil-fomm iżda anke fil-ktieba ta' dak li huwa jsejjaħlu l-aħħar testment tagħha. Jgħid li huwa wiret porzjon art fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, nofs bil-wirt ta' missieru u nofs b' ta' ommu, u fuqha bena d-dar tiegħu. Jgħid li l-ġenituri tiegħu kienu ħasbu biex jagħtu wkoll biċċa art fl-istess triq lill ħuħ Joseph li fuq insistenza tiegħu ingħata l-aħjar biċċa, il-kantuniera. Jgħid li madankollu wara li l-attur kien diġa wiret nofs indiviż ta' din l-art mingħand missieru huwa biegħ l-istess nofs indiviz lill oħthom Carmen Dalli. Jgħid li l-attur ikkonvinċa l-ommhom sabiex in-nofs indiviż l-ieħor ta' din l-art ukoll tbiegħu lill ohthom Carmen kif fil-fatt ġara. Jgħid li r-rikavat ta' dan il-bejgħ żammu l-attur. Jgħid li huh Joseph ħa wkoll nofs l-art magħrufa "tal-Kanun" fil-limiti tan-Nadur li kienet ġejja minn nisel ommhom kif ukoll xi prozjonijiet art magħrufa "ta' Ganni Sfar", ukoll fil-limiti tan-Nadur, li ommhom ċedietlu. Jgħid ukoll li ommhom għenitu ħafna lil ħuħ Joseph inkluż sabiex bena d-dar tiegħu fi Triq Ġuze Ellul Mercer, in-Nadur. Jgħid li huwa wkoll ħa daqs ħames piedi faċċata ta' proprjeta fi Triq l-Emigranti, in-Nadur, li kienet ta' ommhom li ma kienux żviluppabbli meta ngħataw lilu iżda rnexxielu jiżviluppa b'ħafna tħabit. Jgħid li l-attur gawda daqsu u daqs ħuthom l-oħrajn mill-ġid ta' ommhom u m'ghandu jmiss xejn in linja ta' porzjon riservat mhux biss fid-dawl tat-testmenti ta' ommhom izda fid-dawl ta' dak li diġa ha.

[14] A fol 88 tal-process

**In kontro-ezami** ta' nhar is-16 ta' April 2015,[15] jgħid li huwa kien jaf li ommhom għamlet it-testment tal-1 ta Frar 2002. Jgħid ukoll li ħuħ Joseph kien involut fih billi kien jaf x'qed isir. Jinsisti li ommhom ħasbet kemm fiħ kif ukoll f'Joseph. Jikkonferma li qal fl-affidavit; li l-ġenituri tagħhom ħasbu sabiex jagħtu xi ħaġa proprjeta' kull wieħed lill-aħwa kollha. Jgħid li lil Joseph tawħ fejn joqod b'kuntratt. Jippreċiża li missieru xtara blokka raba li fiha jidħlu 5 binjiet, parti ħadha hu. Il-parti li ha Joseph biegħha lill oħthom għax ma ridtx joqod fejnhom. Jgħid li jiftakar li huh Joseph kien qal li xtaq l-art 'tal-Kanun' li kienet agrikola. Jgħid li Joseph ingħata nofsa. Jikkonferma li Joseph dejjem 'tal-Kanun' rid u riedha kollha kemm hi iżda ommhom tagħtu nofsa. Jikkonferma li 'tal-Kanun' kienet agrikola u mhux tajba għal bini. Jgħid li waqt li ommhom kienet għadha ħajja kienu ddiskutew ma Joseph li jtuħ xi flus għal sehem missierhom u semmew xi Lm 10,000 iżda dan sfaxxa fix-xejn. Jikkonferma li wara li Joseph biegħ il-parti tal-art li kellu maġenb ħutu lil waħda minn ħutu l-istess Joseph qal li la darba mit-tali bejgħ Lm 1,000 biss għamel issa għandu jieħu 'tal-Kanun'. Jgħid li għalkemm 'tal-Kanun' Joseph ma ħadiex, Lm 10,000 ħadhom. U li dawn tathomlu oħthom Carmen Camilleri. Wara dan jinnega li qatt iddiskutew li jagħtu xi flus lil Joseph u jgħid dan għax jinsisti li Joseph kien ħa bħalhom. Jgħid li Joseph rid il-flus iżda huma dehrilhom li huwa kien ħa bħalhom. Jikkonferma li meta l-ġenituri tagħhom kienu qed iqassmu il-plots, biex ikun hemm għal kulħadd il-ġenituri kienu xtraw proprjeta lil wieħed mill-aħwa u l-oħrajn kellhom joħorġu sehemhom fi flus. Jgħid li dak is-sehem kien Lm 254 kull wieħed. Jgħid li dan kien xi ħamsin sena qabel meta kellhom ukoll iħallsu t-taxxa.

**In ri-eżami mill-abbli difensur tal-konvenuti,**[16] jikkonferma li l-porzjon art li nqasmet bejn l-aħwa kienet f'Ta Grunju, in-Nadur. Jgħid li messet biċċa lilu, ħa biċċa Peter u żammet biċċa ommu sabiex ittiha lil min idur biha. Jgħid li minnha hu ħa biss 5 piedi. Jgħid li din ma kienitx tal-bini. Jgħid li kienu tawhom fejn joqodu imbagħad tawhom din li ma kienitx tal-bini iżda wara ġiet tal-bini. Jikkonferma li fejn tawhom fejn joqodu kien fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur. Jgħid li ta' Triq David Cocco Palmieri ħaduhom waħda hu, u l-ohrajn Frances Bonello, Antonia Bonello, Joseph Camilleri u Carmen Camilleri. Rigward l-art 'tal-Kanun'

[15] A fol 97 tal-process
[16] A fol 101 tal-process

jikkonferma li fiha daqs tomna u li din ommhom kienet ħallitha nofsa lil ħuħ Joseph u nofs lil ħuhom Charlie għax kienet tgħid li tomna ħafna.

**Ri-eżami mill-abbli difensur tal-attur**,[17] jikkonferma li qatt ma ra stima rigward l-art 'tal-Kanun' u li huh Joseph dejjem lilha ried għalkemm qatt ma kienet tajba għal-bini.

**Antonia Bonello**, konvenuta xehedet permezz ta' affidavit.[18] Tgħid li skond hi t-talba ta' l-attur għandha tiġi miċħuda billi dak kollu li t-testatriċi ommhom tat lil attur f'ħajjitha jaqbeż sew is-sehem riservat. Tisħaq illi fil-konfront tiegħu għandu jiġi applikat Artikolu 3 ta' l-aħħar testament ta' ommha u cioe illi filwaqt li ommhom eżentat lill-ulieda mill-obbligu ta' kollazzjoni jew imputazzjoni ta' dak kollu li setgħu ingħataw b'donazzjoni jew b'titolu iehor din l-eżenzjoni tapplika biss fil-konfront ta' dawk l-ulied li josservaw id-disposizzjonijiet fit-testment minnha magħmul.

Tispjega illi l-ġenituri tal-kontendenti fil-kawża taw biċċa art lil kull wieħed minn uliedhom. Tgħid li fil-każ tagħha l-art li ngħatatilha hija bniet id-dar matrimonjali bi flusha u flus żewġha.

Rigward l-attur tgħid li dan kienet ser tmissu biċċa art kantuniera pero huwa biegħ din il-biċċa art lil oħtu Carmen Dalli, ħa r-rikavat kollu minn dan il-bejgħ u bir-rikavat xtara biċċa art band'oħra.

Tkompli li l-attur ħa wkoll nofs biċċa art oħra magħrufa bħala "tal-Kanun" fil-limiti tan-Nadur. Din il-biċċa art kienet għaddiet għand ommha mill-wirt tan-naħħa tagħha. Tissokta li l-attur ħa biċċiet ta' art oħra magħrufin bħala "ta' Ġanni Sfar", limiti tan-Nadur, u dana wara li kienet ċedithomlu ommu.

In **kontro eżami**[19] tispjega li l-attur ħa mill-ġid ta' l-omm daqs kemm ħadu l-aħwa kollha.

Tgħid li ħuha l-attur ħa biċċa raba bħalhom iżda huwa din biegħha lil oħthom. Tisħaq illi l-kuntratt ta' bejgħ sar mill-attur u ommu flimkien u l-art inbiegħet lill-oħthom. Tisħaq li l-art li biegħ lill oħthom kienet tiegħu

---

[17] A fol 103 tal-process
[18] A fol 106 tal-process
[19] Seduta 13 ta Ottubru, 2015 a fol 112 tal-process

bit-testment u biegħa biex xtara hu. Tinsisti li ħuha Joseph kien preżenti ma ommhom meta biegħ l-art.

Rigward l-art ta' "Ganni Sfar" taqbel li l-art hi bi qbiela. Taċċetta li l-aħwa lkoll għandhom art bi qbiela.

Rigward l-art "tal-Kanun" tgħid li l-art riedha kollha l-attur iżda ommhom ma rieditx tagħthielu kollha. Tgħid li riedet tagħtih nofsa għax kien fiha aktar milli ħadu huma, bħal ma fiha aktar li ħa llum. Taqbel li "tal-Kanun" ma kienitx tajba għal-bini iżda tgħid li anqas li ħadu huma ma kienet. Tgħid li l-art li kienet messet lill-attur fil-kantuniera kienet tiswa aktar milli ħadu huma, ħutu l-oħrajn. Tinsisti li l-art li biegħ l-attur lill oħthom kien ħadha u biegħa u żamm ir-rikavat mill-bejgħ.

Rigward flus tgħid li ommha ma qasmitilhomx flus għax ma kellhiex. Tgħid li l-flus kienet użathom biex inxtraw l-artijiet li qassmet lil kulħadd. Tiċħad li ommha tat flus lil binha Peter. Tinsisti li ommha kellha tant flus biss għal-funeral tagħha u li anqas f'ħajjitha qatt ma qassmet flus lill ħadd. Tinsisti li qatt ma kien hemm ftehim li lill-attur Joseph jagħtuħ xi flus għal-wirt ta' missierhom għax hu messu bħalhom. Tgħid li lill-attur qass biss qatt semmewlu flus. Tinsisti li l-attur ħa daqshom għax huwa ħa biċċa art li biegħ lill oħthom oħra. Iżżid ukoll li ħa nofs 'tal-Kanun'.

Il-**konvenut Carmel Camilleri** xehed permezz ta' affidavit.[20] Jgħid li ommhom għamlet ħilitha biex uliedha jieħdu kemm jista jkun indaqs mill-ġid li kellhom hi u żewġha. Jispjega li l-aħwa anke ħarġu xi ħaġa tal-flus għal ħuhom Peter Paul Camilleri u dan bħala ekwiparazzjoni.

Rigward il-fond 75 fi Triq Grunju, in-Nadur jgħid li ommu kellha sehem indiviż minn dan il-fond u li dan ingħata lilu. Jispjega li għamel diversi xogħolijiet fil-fond u kollha a spejjeż tiegħu.

Rigward l-art "tal-Kanun" jispjega li huwa ingħata biċċa minn din l-art wara li ċeda biċċa art oħra li kienet tinsab fi Triq l-Emigranti, in-Nadur.

[20] A fol 126 tal-process

Rigward l-art fi Triq David Cocco Palmeri jgħid li l-attur kien ingħata biċċa art hemm bħalma kienu ingħataw oħrajn minn ħutu iżda huwa għażel li jbiegħ din il-porzjon art lil oħtu Carmen Dalli u r-rikavat żammu għalih.

Jgħid li jekk l-attur jippretendi s-sehem riservat, huwa għandu jnaqqas minn tali sehem dak kollu li ngħata mingħand ommhom bi kwalunkwe titolu. Jgħid ukoll li jekk isir il-kalkolu ta' kemm ħa ħuħ ser jirriżulta li dan diġa ħa sehemu mill-wirt.

**In kontro eżami**[21] kompla jixhed illi l-ulied kollha ħadu l-istess mill-ġid tal-ġenituri tagħhom. Jgħid li l-attur Joseph ħa l-art tal-kantuniera, Carmen u Antonia ħadu ta' maġenbu, u Savior ħa magħhom. Jgħid li kien fadal hu u ħuħ Peter. Jinsisti li Joseph ħa tal-kantuniera. Mistoqsi fuq flus jgħid li ma jafx iżda jgħid li raba kulħadd xorta ħa. Jgħid li ftehmu bejniethom sabiex tinxtara biċċa raba biex jeħodha ħuhom Peter. Mistoqsi fuq kuntratt fejn l-attur ħa l-kantuniera jgħid li m'hemmx kuntratt. Jispjega kif mxew fuq kelma ta' aħwa u kulħadd bena fuq l-art li kienet ser tmissu għalkemm ma kienx hemm kuntratti. Jgħid li oħthom Carmen xtrat ta' Joseph. Jgħid li hu rranġa l-post li kien użufrutt għand ommu imma dar fuqu qabel mietet. Jirribadixxi li kuntratt rigward l-art kantuniera ta' Joseph ma kienx hemm imma ommhom dawritha fuqu u huwa dawwara fuq Carmen. Jgħid li mbagħad l-attur Joseph xtara għalqa fejn qiegħed joqod. Jgħid li l-flus għal-għalqa Joseph ġabhom mingħand Carmen. Jgħid li ommu qalet lil Joseph li qabel jixtri l-għalqa ma tittrasferix il-kantuniera. Jgħid li ommu tatu l-fond 75, Triq Grunju, li miegħu kien hemm maqjel u biċċa.

Rigward l-art "tal-Kanun" jgħid li l-attur riedha kollha iżda ommu ma riditx tagħtihielu kollha u tatu nofsha. Rigward flus li kellu jingħata l-attur wara l-wirt ta' missierhom jgħid li din huwa qatt ma semgħa biha. Mistoqsi x'ħa l-attur minn ta' missierhom jgħid li ħa nofs il-kantuniera .

Jispjega wkoll li tant l-attur kien kuntent b'li ħa li kien anke ħareġ flus flimkien ma ħutu kollha biex saret ekwiparazzjoni, biex inxtrat biċċa art għal ħuhom Peter, stante li ommhom ma kellix flus sabiex tagħmel dan, sabiex b'hekk kollha ħadu ndaqs.

[21] A fol 243 tal-process

**Carmen Dalli** xehdet permezz ta' affidavit.[22] Tgħid li lill ħuha l-attur Joseph Camilleri messietu porzjon art fi Triq David Cocco Palmieri, in-Nadur, bħalma messet lill oħrajn mill-aħwa. Ta' l-attur kienet ser tkun il-kantuniera u allura kellha aktar valur minn dik tal-ohrajn li ħadu hemm. Tgħid li l-attur iddeċieda li jbiegħ din l-art u fil-fatt din xtrata hi. Tgħid li r-rikavat minn dan il-bejgħ żammu kollu l-attur li mbagħad xtara biċċa art oħra fin-Nadur. Tispjega li għall-kuntratt li biħ hija xtrat din l-art kienu preżenti l-attur u ommhom.

Tgħid ukoll li apparti l-art fi Triq David Cocco Palmieri, l-attur ha wkoll nofs l-art "tal-Kanun" u biċċiet art magħrufa bħala "Ta' Ġanni Sfar", ilkoll fin-Nadur. Tgħid li għandu jsir il-kalkolu ta' x'ħa l-attur sabiex jiġi deċiż ħaqqux is-sehem riservat.

**Rapport tal-Perit tekniku.**[23]

In segwitu għal inkarigu mogħti lilu l-Perit Valerio Schembri wara li aċċeda fuq is-siti identifikati mill-attur u maqbula mill-konvenuti[24] liema siti jiffurmaw il-massa ereditarja ta' omm il-kontendenti fil-kawża għamel ir-rapport u ħareġ il-valutazzjonijiet tas-siti identifikati.

i) Porzjon art ta' ċirka 128.2 m.k magħrufa bħala Ta' Grunju, Nadur assenjat lil Antonia Bonello;
**Valur fl-2011** - € 11,500
**Valur fl-2019** - € 20,000

ii) Porzjon art ta' ċirka 128.2 m.k magħrufa bħala Ta' Grunju, Nadur assenjat lil Frances Bonello;
**Valur fl-2011** - € 11,500
**Valur fl-2019** - € 20,000

iii) Porzjon art ta' ċirka 128.2 m.k magħrufa bħala Ta' Grunju, Nadur assenjat lil Carmela Dalli;
**Valur fl-2011** - € 5,750
**Valur fl-2019** - € 10,000

[22] A fol 128 tal-process
[23] A fol 162 tal-process
[24] Rif.: nota tal-Perit Valerio Schembri a fol 148 fejn jindika li nzammew l-accessi u s-seduti u li gie awtorizzat mil-partijiet jghaddi ghar-rapport.

iv) 2/3 indiviż minn 1/2 indiviż ta' raba msejħa Ta' Grunju, Nadur, tal-kejl intier ta' 442.08 m.k.
**Valur 2019** - € 450,000 għal intier tal-propjeta.
½ indiviż - € 200,000
2/3 tan-nofs indiviż - € 120,000
**Valur 2011** – 2/3 tan-nofs indiviż € 68,500

v) 1/3 indiviżi minn ½ indiviż tar-raba msejħa Ta' Grunju tal-kejl 442.08 m.k.
**Valur 2019** - € 450,000
Nofs indiviż - € 200,000
1/3 tan-nofs indiviż - € 50,000
**Valur 2011** – 1/3 tan-nofs indiviż - € 28,500

vi) **½ indiviż mir-raba tal-Kanal, Nadur, tal-kejl ta'** ċirka 929.25 m.k.
**Valur 2019** - € 20,000
½ indiviż - € 10,000
**Valur 2011** – ½ indviż - € 5,500

vii) Maqjel bla numru u porzjon raba "Ta Truppu", limiti Nadur tal-kejl ċirka 138 m.k.
**Valur 2019** - € 60,000
**Valur 2011** - € 35,000

viii) ¼ indiviż art fi Triq Madonna ta' Lourdes kantuniera ma Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur, fuq liema art hemm mibnija d-dar "Aussieville" bl-art għandha kejl ta' ċirka 350.00 m.k.
**Valur 2019** - € 450,000
¼ indiviż - € 100,000
**Valur 2011** – ¼ indiviż € 55,000

ix) ½ il-fond 75, Triq Grunju, Nadur bil-garaxx anness tal-kejl ta' ċirka 211 m.k. –
**Valur 2019** - € 300,000 u ½ € 150,000
**Valur 2011** - ½ - € 85,000

x) ½ indiviż art fi Triq David Cocco Palmieri ġia Triq Grunju, ta' kejl ta' ċirka 179 m.k.

**Valur 2019** - € 250,000, ½ indiviż € 100,000
**Valur 2011** – ½ indiviż € 55,000

xi) ½ indiviż art fi Triq David Cocco Palmieri ġia Triq Grunju, ta' kejl ta' ċirka 199 m.k. fuq liema art hemm dar bl-isem "God Bless Australia".
**Valur 2019** - € 275,000, ½ indiviż € 110,000
**Valur 2011** – ½ indiviż € 60,000

xii) ½ indiviż art fi Triq David Cocco Palmieri ġia Triq Grunju, ta' kejl ta' ċirka 189.6 m.k.
**Valur 2019** - € 265,000, ½ indiviż € 105,000
**Valur 2011** – ½ indiviż € 57,500

xiii) Porzjon art magħrufa "Ta' Kanun" ta' kejl ċirka 464.6 m.k.
**Valur 2019** - € 10,000
**Valur 2011** - € 5,500

**Id-Dritt**

Artikoli li ser jiġu kkwotati huma miġjuba fl-ordni li ser jiġi trattati fis-sezzjoni 'Kunsiderazzjonijiet'.

**Kapitolu 16, Artikolu 860:**

**860.***(1) Ir-rinunzja għal wirt ma tistax tkun preżunta.*

*(2) Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.*

*(3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).*

**861.** *Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni ab intestato:*

*Iżda, dan il-werriet jista', fl-att tar-rinunzja, iżomm il-jedd għas-sehem riżervat tal-beni illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 614 sas-653, ikunu jmissu lilu.*

**Kapitolu 16, Artikolu 788:**

**788.** *Meta ma jkunx hemm testment validu, jew jekk it-testatur ma jkunx iddispona mill-ġid tiegħu kollu, jew jekk il-werrieta istitwiti ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jaċċettaw il-wirt, jew jekk ma jkunx hemm lok għal jedd ta' akkrexximent bejn il-werrieta, ikun hemm lok, għal kollox jew għal biċċa, għas-suċċessjoni ab intestato bis-saħħa tal-liġi.*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-pern prinċipali ta' din l-azzjoni jirrivolvi madwar it-talba numru (ii) tal-attur u l-eċċezzjoni numru (1) tal-konvenuti li jaqraw kif isegwi:

***Talba numru (ii):***

*Tiddikjara li r-rikorrenti għandu dritt għas-sehem riżervat mill-eredità tal-imsemmija Maria Paola sive Maria Camilleri;*

***Eccezzjoni numru (1):***

*Illi, preliminarjament, l-attur għandu jressaq il-prova illi huwa effettivament irrinunzja għall-wirt ta' ommu Maria Paola Camilleri kif titlob il-liġi.*

Illi f'dan ir-rigward, l-assjem ta' din it-talba u din l-eċċezzjoni preliminari huwa dak li din il-Qorti trid tiddeċiedi l-ewwel u qabel kollox, qabel tgħaddi sabiex tikkunsidra l-kumplament tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet li saru, stante illi il-konklużjoni raġġiunta fir-rigward tagħhom sejra ta' bilfors timpinġi fuq il-kumplament tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet.

Illi huwa risaput li sabiex persuna li tħaddan pretensjoni fir-rigward ta' eredita tkun tista titlob is-sehem riservat, hija għandha, l-ewwel u qabel kollox, tkun werrieta nominata li tirrinunzja għal-wirt.

Dan l-insenjament ġie kkonfermat diversi drabi u konsistentement fil-ġurisprudenza nostrana:

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Maria Baraba noe vs Teresa Censina Hazel Saliba** moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta' Ottubru 2019 [Rik. Gur. Nru. 791/2017], gie ritenut:

*Biex wild jitlob il-legittima jrid jew ikun irrinunzja ghal wirt tal-genitur ghax ikun eredi bit-testment jew ope legis ab intestato jew bhal dan il-kaz fejn fit-testment tal-missier l-uniku eredi hi oht l-attrici cioe l-konvenuta.*

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Josette d'Alessandro vs Stephanie Grech et** mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' Ġunju 2020 [Rik. Ġur. Nru. 706/2011 AF] ingħad illi:

*Il-leġittimarju, għalhekk, ma jitlifx il-jedd għal-leġittima jekk kemm-il darba jirrinunzja għall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'leġittima qabel ma jkun irrinunzja għall-wirt. (Ara Debono vs Licari et, deċiża millPrim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1954, Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620).*

L-istess ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Prof. Joseph Troisi vs Anthony Troisi sive Anthony Troisi de Menville**, mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-30 ta' Ġunju 2016 [Rik. Ġur. Nru. 983/2009/LSO] fejn il-Qorti stabilixxit:

*Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt.*[25]

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Emanuela Buttigieg et vs Rosa Said et**, mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar l-24 ta' Settembru 2013 [Ċitazz. Nru. 39/1965/1/JD] ġie ritenut illi:

*F'kawzi ta' din ix-xorta l-qorti trid tiddetermina li:-*
*[…]*

[25] Ara wkoll Debono vs Licari et, deciza fis-16 ta' Dicembru 1954 (Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620)

*Il-parti li tkun qeghdha titlob il-legittima tkun irrinunzjat ghall-wirt skond il-procedura stabbilita fl-Artikolu 860 tal-Kodici Civili. Il-ligi stess tipprovdi li rinunzja ma tistax tkun prezunta u ma jiswiex li f'citazzjoni jigi dikjarat li l-attur ma jridx jaccetta l-wirt u ghazel li jiehu l-kwota lilu rizervata mil-ligi.*

Magħdud dan, l-ewwel ma trid tidentifika din il-Qorti huwa jekk l-attur Joseph *sive* Giusepp Camilleri kienx infatti eredi tad-*decujus* ommu, Maria Paola *sive* Maria Camilleri nee' Tabone, armla ta' Mikieli Camilleri.

Dan il-fatt huwa inkontestat mil-partijiet u jirriżulta wkoll mill-aħħar testment tal-omm magħmul nhar l-14 ta' Ottubru 2008 in atti Nutar Maria Vella Magro fejn biħ, id-*decujus* ikkonfermat żewġ testmenti preċedenti tagħha, wieħed *unicha charta* magħmul ma żewġha nhar it-12 ta' Ġunju 1973, in atti Nutar Giuseppe Cauchi, u ieħor tagħha, magħmul wara mewt zewġha, nhar l-1 ta Frar 2002, in atti Nutar Maria Vella Magro.

Fil-preċitati testmenti anterjuri għall-aħħar wieħed tad-*decujus* l-istess *decujus* istitwiet lis-7 ulied tagħha, kontendenti f'din il-kawża, bħala eredi universali tagħha tal-beni kollha tagħha preżenti u futuri, mobbli u mmobbli, fi kwoti ndaqs bejniethom.[26] Bl-aħħar testment tagħha hija żammet ferm din l-istituzzjoni billi kkonfermat iż-żewġ testmenti preċedenti tagħha.

Stabbilit dan, huwa inkonfutabbli li l-attur Joseph *sive* Giusepp Camilleri kien eredi tad-*decujus* u jibqa għalhekk għal din il-Qorti, qabel tkun tista tgħaddi sabiex tikkunsidra l-kumplament tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet imressqa għal-ġudizzju tagħha, sabiex teddeċiedi jekk, u skont l-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana hawn iċċitata, l-istess attur effettivament irrununzjax għal-wirt ta' ommu ai termini tal-liġi sabiex b'hekk ikun jista jitlob is-sehem riservat u, deċiż dan, jekk għandux jedd jitlob is-sehem riservat.

Il-ġurisprudenza nostrana ssegwi korrettement il-kelma tal-liġi relevanti, ossia l-Artikolu 860 tal-Kap. 16 meta tgħid illi sabiex tkun tista' ssir talba

[26] Ara s-6 artiklu tat-testment tat-12/06/1973, a fol 14 tal-process, u l-artiklu 11 tat-testment tal-01/02/2002, a fol 22 tal-process.

għas-sehem riservat irid l-ewwel u qabel kollox ikun hemm rinunzja tal-wirt li, b'differenza għal aċċettazjoni ta' wirt, ma tista' qatt tkun preżunta.

L-Artikolu 860, jaqra kif isegwi:

**860.***(1) Ir-rinunzja għal wirt* ***ma tistax tkun preżunta.***

*(2) Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.*

*(3) Id-dikjarazzjoni tar-rinunzja msemmija f'dan l-artikolu m'għandhiex ikollha effett kwantu għall-partijiet terzi ħlief miż-żmien meta din tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 330(2).* [emfazi mizjuda]

Dan l-artikolu jikkwalifika wkoll kif għandha ssir rinunzja, ossia, b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu ***jew*** b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku.

F'dan il-każ, ġiet ippreżentata dikjarazzjoni magħmulha fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja [27] fejn fil-fatt jirriżulta mill-atti li kienet toqgħod id-*decujus* fiż-żmien tal-mewt tagħha.[28]

Din il-Qorti tinnota illi għalkemm il-kopja tan-nota ppreżentata quddiemha kienet sempliċiment kopja fotostatika awtentikata mir-rappreżentant legali tal-attur, il-konvenuti ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dan.[29]

Tenut kont ta' dan kollu, l-Artikolu 861 tal-Kap. 16 ikompli ma dak li jgħid l-Artikolu 860 kif isegwi:

**861.** *Il-werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni ab intestato:*

[27] A fol 28 tal-process
[28] Ara c-certifikat tal-mewt a fol 5 tal-process
[29] Ara a fol 28

*Iżda, dan il-werriet **jista', fl-att tar-rinunzja, iżomm il-jedd għas-sehem riżervat** tal-beni illi, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 614 sas-653, ikunu jmissu lilu.* [emfazi mizjuda]

Din il-provizjoni tal-liġi nostrana viġenti hija ċara f'li trid illi r-riserva favur is-sehem riservat għandha tkun waħda speċifika u tpoġġi d-diskrezzjoni għal dan f'ħoġor ir-rinunzjant.

Bl-użu tal-kelma "*jista*", fl-artikolu preċitat il-leġislatur jagħti l-fakulta lil dak l-eredi li minkejja li jirrinunzja għal eredita għandu ċ-ċans illi jżomm ferm id-dritt għas-sehem riservat. L-eredi għalhekk meta jagħmel id-dikjarazzjoni ta' rinunzja irid jispeċifika li qed iżomm ferm id-dritt għas-sehem riservat u jekk ma jagħmilx hekk u dan id-dritt ma jżommux ferm, jiskatta allura l-kumplament tal-Artikolu 861 li jrid illi *werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni ab intestato.*

Din il-Qorti tiċċita għalhekk l-Artikolu 788 tal-Kap. 16 li jipprovdi:

**788.** *Meta ma jkunx hemm testment validu, jew jekk it-testatur ma jkunx iddispona mill-ġid tiegħu kollu, jew **jekk il-werrieta istitwiti ma jkunux iridu jew ma jkunux jistgħu jaċċettaw il-wirt**, jew jekk ma jkunx hemm lok għal jedd ta' akkrexximent bejn il-werrieta, **ikun hemm lok, għal kollox jew għal biċċa, għas-suċċessjoni ab intestato bis-saħħa tal-liġi**.* [emfazi mizjuda]

Qari konġunt ta' dan l-artikolu flimkien ma l-Artikolu 861 fejn dan tal-aħħar jgħid li werriet illi jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef kull jedd għas-suċċessjoni *ab intestato*, ma jħalli ebda dubbju f'moħħ din il-Qorti illi ġjaladarba skont l-Artikolu 788 werriet li ma jkunx irid jaċċetta l-wirt jagħti lok għas-suċċessjoni *ab intestato*, u, skont l-Artikolu 861 werriet li jirrinunzja għas-suċċessjoni b'testment jitlef ukoll kull jedd għas-suċċessjoni *ab intestato*, mela allura huwa ċar li werriet li jirrinunzja għal-wirt mingħajr ebda riserva jkun irrinunzja għal kull dritt rigwardanti l-istess, inkluż dak għas-sehem riservat.

Qari akkurat tan-nota ta' rinunzja li l-attur ippreżenta fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja, nhar it-12 ta' Novembru 2012 juri li l-attur f'dan il-każ irrinunzja *sic et sempliciter* meta fl-istess nota ddikjara:

*Nota ta' Joseph Camilleri, bin il-mejtin Michele Camilleri u Maria Paola Camilleri, imwieled Nadur, Ghawdex, u resident "Santa Rita", Triq Guze Ellul Mercer, Nadur, Gahwdex, bil-karta ta' l-identita' numru 75343G;*

*Li permezz taghha qieghed jirrinunzja ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghall-eredita' ta' Maria Paola Camilleri, armla ta Michele Camilleri u bint il-mejtin Pietro Tabone u Giuseppa nee' Ellul imwielda Nadur, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 27822G u li mietet fil-11 ta' Jannar 2011.*[30]

Din il-Qorti ħasbet ħafna fuq din il-materja u waslet għal din il-konkluzjoni u l-konvinċiment morali tagħha lill' hemm minn kull dubbju, inkluż wara qari tas-segwenti deċiżjonijiet mogħtija mil-Qrati nostrani:

Deċizjoni fl-ismijiet **Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi**, mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Marzu 2020 [Rik.Gur. Nru. 81/07/JPG] fejn ġie ritenut:

*Illi l-Qorti ssib li r-rinunzja magħmula mill-atturi dwar il-wirt tal-ġenituri tagħhom tħares dak li titlob il-liġi fis-sura tagħha. Għall-kuntrarju tal-aċċettazzjoni ta' wirt, ir-rinunzja tgħodd biss meta tkun waħda espressa u* ***ssir fl-għamla maħsuba fil-liġi****. Huwa meqjus li ladarba tkun saret rinunzja bħal din fis-sura mitluba, dik tkun ukoll rinunzja għall-wirt fis-sustanza.* ***Mar-rinunzja, u mhux qabel, jitnissel il-jedd li wieħed jitlob is-sehem riżervat*** *minn dak il-wirt rinunzjat.* [emfazi mizjuda]

Decizjoni fl-ismijiet **Orazio sive Grazio Cutajar vs Emmanuele Cutajar et** mogħtija nhar it-3 ta' Ottubru 2003 mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [Ċitazz. Nru. 687/1981/1 PS], fejn ingħad illi:

*Dan stabbilit, il-kawza hija principalment intiza ghal-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima dovuta lill-attur. B' 19estament unica charta tas-27*

[30] A fol 28 tal-process

*ta' Lulju 1971, atti Nutar George Cassar (fol. 6) it-testaturi Salvatore u Antonia konjugi Cutajar hallew b' eredi universali taghhom lil uliedhom Gerald, Grazio, Loreto, Stella Caruana u Imelda Spiteri f' sehem indaqs bejniethom. Lill-kontendenti l-ohra uliedhom, u cjoe Giuseppa Agius u Pietra Dalli irrizervawlhom id-dritt tal-legittima skond il-ligi. Rizerva din li l-imsemmija kontendenti rrinunzjaw ghaliha wkoll, kif hekk evidenzjat mid-dikjarazzjonijiet taghhom quddiem is-Sekond' Awla.*

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti sejra tiddisponi min dina l-vertenza billi taqta u tiddiċiedi kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati stante li mill-provi prodotti tirriżulta biss rinunzja tal-wirt *sic et sempliciter* mingħajr ebda riserva favur is-sehem riservat;

2. Tiċħad it-tieni talba tal-attur billi tiddikjara li huwa ddekada milli jżomm ferm il-jedd tiegħu għas-sehem riservat;

3. Konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rimanenti talbiet u eċċezzjonijiet.

Bl-ispejjeż kontra l-attur Joseph Camilleri.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Magistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur